MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2010

Numru 726/2010

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
CLAUDIO MALLIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Claudio Malli ta' 27 sena, iben Anthony u Rita nee' Cuschieri, imwieled Pieta' fit-8 ta' Ottubru 1981, residenti Flt 7, Door A, Triq St. Ursola, Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 557681(M).

Illi huwa akkuzat:

1. Talli nhar it-2 ta' Lulju, 2010, ghall-habta tad-9:15p.m., fil-Furjana, ikkommetta serq ta' zewg brazzuletti tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Dolores Camilleri, persuna anzjana ta' tmienja u tmenin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, hin u valur li ma jaccedix l-

elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Dolores Camilleri;

2. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmija Dolores Camilleri hekk kif iccertifika Dr. Martin Mallia M.D. (no.2294) mill-Floriana Health Centre;

3. U aktar talli nhar is-6 ta' Lulju, 2010, ghall-habta ta' 7:00a.m., fil-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun, ikkommetta serq ta' zewg brazzuletti tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Baldacchino, persuna anzjana ta' hamsa u sebghin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Maria Baldacchino;

4. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmija Maria Baldacchino hekk kif iccertifika Dr. Satya Brata Das M.D. (no.2141) mill-Floriana Health Centre;

5. U aktar talli nhar l-1 ta' Gunju 2010, ghall-habta ta' 7:45a.m., fl-Imsida, ikkommetta serq ta' erba' brazzuletti tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Doris Debono, persuna anzjana ta' sebgha u sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Doris Debono;

6. U aktar talli nhar it-28 ta' Gunju, 2010, ghall-habta tal-5:00p.m., fl-Imsida, ikkommetta serq ta' tlett brazzuletti tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Vincenza Camilleri, persuna anzjana ta' wiehed tmenin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Vincenza Camilleri;

7. U aktar talli nhar id-29 ta' Gunju 2010, ghall-habta ta' 6:00p.m. fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' brazzuletti tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Baldacchino Borg, persuna anzjana ta' tmienja u sebghin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Maria Baldacchino Borg;

8. U aktar talli nhar l-1 ta' Lulju, 2010, ghall-habta ta' 6:00p.m., fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' erba' brazzuletti

tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Antonia Zammit, persuna anzjana ta' hamsa u sebghin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Antonia Zammit;

9. U aktar talli nhar il-5 ta' Lulju, 2010, ghall-habta ta' 7:00a.m. fil-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun, ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Abela, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Maria Abela;

10. U aktar talli nhar is-7 ta' Lulju, 2010, ghall-habta ta' 7:00a.m., fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' tlett brazzuletti tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Dolores Fauzza, persuna anzjana ta' tlieta u sebghin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Dolores Fauzza;

11. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

12. U finalment talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 19 ta' Lulju, 2010;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Claudio Mallia** hati skond l-akkuzi kollha ghajr il-hdax (11)-il akkuza, stante illi hija sussidjarja, li minnha tilliberah, u wara li rat Artikoli 49, 221, 261, 262, 267, 270, 276A, 277, 279, 280 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) snin prigunerija.**

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali rifrattarja tieghu, il-fatti spece u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, **partikolarment il-gravita’ tar-reati u ripetizzjoni ta’ l-istess tip ta’ reat fuq sensiela ta’ nisa anzjani.**

Il-Qorti giet infurmata li l-imputat huwa mahkum totalment mill-vizzju ta’ droga u ghaldaqstant il-Qorti **tirrakkomanda** illi wara li l-imputat iservi parti sostanzjali mill-piena tieghu, huwa jkun jista’ jsegwi Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga fi hdan is-servizzi tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------